MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 648/2012

**Addvantage Solutions Limited (C 46915)**
**kif rapprezentata mis-stralcjarju**
**Stuart Craig (ID 353144 M)**

**vs**

**Melita Marine Limited**
**(C 24026)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi s-socjeta' attrici kienet ipprovdiet servizzi u bieghet *accounting software* lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha; Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tlett elef, sitta u sebghin punt tmienja tmienja Ewro (€ 3,076.88) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi fuq ordni taghha kif ukoll bejgh ta' *accounting software* u dan skond *statement* hawn anness u mmarkat Dok. "A"; Illi minkejja li giet interpellata sabiex thallas dan id-debitu dovut minnha anke ufficjalment is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; Ghaldaqstant qieghda ssir din il-kawza sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas

is-somma ta' tlett elef, sitta u sebghin punt tmienja tmienja Ewro (€ 3,076.88) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi fuq ordni taghha kif ukoll bejgh ta' *accounting software* u dan skond *statement* hawn annness u mmarkat Dok. "A";

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra interpellatorja li ggib id-data tal-10 ta' Ottubru 2011, ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-4 ta' Novembru 2011 skond taxxa hawn annessa mmarkata Dok. "B" u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra u cioe' mill-21 ta' Novembru 2011 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici ghas-segwenti ragunijiet: (a) dwar bilanc (€ 109.64) fuq fattura "INV 0201" u dwar fattura "INV 0219" (€ 905.06), preskrizzjoni skond l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) dwar il-fatturi "INV 0291" (€ 165.20), "INV 0292" (€ 165.20), "INV 0293" (€ 103.25), INV 0298 (€ 1,122.60), u "INV 0299" (€ 144.55), l-eccipjenti ma hijiex legittima kontradittrici stante li dawn kienu gew kancellati minn fuq l-akkont taghha u trasferiti fuq kumpannija ohra ("Melita Marine International Limited" – C48248) bi ftehim mal-attrici, u dan f'cirkustanzi addizzjonali fejn l-istess attrici thallset minn Melita Marine International Limited dwar l-istess, biex b'hekk kjamata in kawza ma hijiex opportuna. B'rizerva ghal kwalunkwe eccezzjoni ohra, u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-attrici.

Ra r-rikors tas-socjeta' konvenuta datat 19 ta' Gunju 2013, u d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-20 ta' Gunju 2013; ra n-nota pprezentata mis-socjeta' konvenuta datata 28 ta' Gunju 2013; ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Lulju 2013, u ra d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 3 ta' Ottubru 2013, li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta giet awtorizzata sabiex tressaq eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi dwar l-ammonti ndikati fuq il-fatturi "INV 0111" (€ 1,724.28), "INV 0138" (€433.66) u "INV 0173" (€ 144.55), preskrizzjoni skond l-artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-istralcjarju tas-socjeta' Advantage Solutions Limited iddikjara illi, b'referenza ghar-rendikont li jinsab a fol. 3 tal-atti, l-azzjoni odjerna tittratta unikament dwar il-fatturi bin-numru 111, 138, 173, 201, 227 u 267, u ddikjara wkoll illi kif jirrizulta minn dan l-istess rendikont, fil-11 ta' Dicembru 2009, kien gie mwettaq hlas akkont ta' bilanci ohra li kienu dovuti mill-istess socjeta' konvenuta, u li jirrizultaw mill-istess rendikont. Illi l-istess stralcjarju kien informa lis-socjeta' konvenuta bin-nomina tieghu f'din il-kariga permezz ta' ittra datata 11 ta' Lulju 2011, u permezz ta' din l-istess ittra, is-socjeta' konvenuta kienet gharrfet lis-socjeta' konvenuta li kien ghadu dovut bilanc minnha. Illi in segwitu ghal din l-ittra giet ipprezentata wkoll ittra ufficjali, li hija datata 4 ta' Novembru 2011.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjara illi l-istess socjeta' konvenuta kienet dahlet fi ftehim mas-sojeta' attrici sabiex jigi akkwistat *software* minghandha, u l-istess socjeta' attrici tipprovdi kwalunkwe servizz relatat ma' dawn il-programs. Ikkonferma wkoll illi s-socjeta' konvenuta rceviet l-ittra tal-istralcjarju (a fol. 15 tal-atti), kif ukoll l-ittra ufficjali li ghaliha saret referenza mill-istess stralcjarju (a fol. 17 tal-atti).

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni, l-istralcjarju tas-socjeta' attrici qed jitlob hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, u liema servizzi jirrizultaw mill-fatturi li kopja taghhom tinsab esebita a fol. 27 sa 33 tal-atti. Illi mid-deposizzjoni tal-istess stralcjarju irrizulta illi t-talba tas-socjeta' attrici hija limitata ghall-fatturi bin-numru ta' referenza 111, 138, 173, 201, 227 u 267, u mhux il-fatturi kollha rizultanti mir-rendikont a fol. 3 ral-atti. Illi fid-dawl ta' din il-kjarifika, il-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' dawn il-fatturi hija kif rizultanti minn paragrafi (a) u (b) tar-risposta tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll

min-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri li s-socjeta’ konvenuta pprezentat fis-7 ta’ Ottubru 2013 (a fol. 44 tal-atti).

Illi ghalhekk is-socjeta’ konvenuta qed tikkontendi illi l-ammont rizultanti minn fatturi bin-numru ta’ referenza 111, 138, 173 u 201 m’huwiex dovut ghaliex huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt illi l-fatturi bin-numru ta’ referenza 227 u 267, ma fadal ebda obbligu ta’ hlas taghhom stante illi l-ammont rizultanti minn dawn il-fatturi ‘gia thallas.

Illi jehtieg illi jigi determinat, fl-ewwel lok, jekk l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta hijiex gustifikata, u timmeritax illi tigi akkolta. Illi t-terminu preskrittiv li ghalih qed tghamel referenza s-socjeta’ konvenuta huwa ta’ sentejn, u ghandu japplika fir-rigward ta’ “*l-azzjonijiet ta’ bennejja ta’ bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta’ bini iehor jew ta’ xogholijiet ohra ta’ injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu*”. Illi fit-trattazzjoni finali li saret f’din il-kawza, l-abbli difensur legali tas-socjeta’ konvenuta ddikjarat illi kien hemm ftehim ta’ appalt bejn is-socjetajiet kontendenti, in kwantu l-obbligi kontrattwali tas-socjeta’ konvenuta kienu *di fare*, konsistenti fil-konsenja u installazzjoni ta’ *software*, kif ukoll li tipprovdi *aftersales service* bhala *support system* relatat mal-operat ta’ dan is-*software* li gie kkonsenjat u installat mis-socjeta’ attrici.

Illi s-socjeta’ attrici, da parti taghha tikkontendi illi l-Artikolu tal-Ligi dwar preskrizzjoni li gie ndikat mis-socjeta’ konvenuta m’huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami, u li se mai huma s-subinciz (c) u (d) tal-istess Artikolu 2149 illi huma applikabbli ghal din l-azzjoni, stante illi s-socjeta’ attrici kienet qedha tippresta servizzi lis-socjeta’ konvenuta li jikkwalifikaw bhala “*... professjonijiet jew arti liberali ...*” msemmija fis-subinciz (b) ta’ dan l-Artikolu tal-Ligi; oltre dan, u fi kwalunkwe kaz, gie mwettaq hlas akkont mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici fil-11 ta’ Dicembru 2009, u li ghalhekk kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni, u dan b’applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu 2152 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante illi tali hlas akkont jikkostitwixxi rikonoxximent tad-debitu kif kontemplat f’dan l-artikolu tal-Ligi msemmi. Illi jsegwi ghalhekk illi t-terminu preskrittiv rega’ beda jiddekorri mill-gdid f’Dicembru 2009, u li ghalhekk l-azzjoni ma taqax hlief bl-eghluq ta’ hames snin li jibdew mid-data ta’ dak il-hlas akkont li gie mwettaq mis-socjeta’ konvenuta.

Illi fid-dawl ta' dawn is-sottomissjonijiet jehtieg illi jigi stabbilit minn dan it-Tribunal jekk l-Artikolu tal-Ligi nvokat mis-socjeta' konvenuta hux applikabbli ghall-kaz odjern, u jekk kienx hemm interruzzjoni ta' tali terminu preskrittiv meta gie mwettaq mis-socjeta' konvenuta l-hlas imsemmi.

Illi dwar l-applikabbilita' tal-Artikolu tal-Ligi indikat mis-socjeta' konvenuta, u cioe' l-Artikoli 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-kaz in ezami, jehtieg li jigi stabbilit in-natura tax-xoghol u servizzi li kienet ipprestat is-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjara illi s-socjeta' attrici pprovdiet u nstallat *software* relattiv ghall-*bookeeping* u *accounting,* u pprovdiet ukoll *after-sales service* relattiv ghall-operat ta' tali *computer programs*. Illi anke minn ezami tal-fatturi li jinsabu esebiti a fol. 27 *et seq.* tal-atti jirrizulta illi s-servizzi li kienet qed tippresta s-socjeta' attrici kien ta' installazzjoni ta' *software* u *training* u familjarizazzjoni mill-impjegati tas-socjeta' konvenuta mas-*software* li gie nstallat mill-impjegati tas-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta. Illi ghalkemm jidher illi s-socjeta' attrici kienet qedha tforni u tipprovdi lis-socjeta' konvenuta b'dak li wiehed jista' jqis bhala materjal, madanakollu, dan il-materjal konsistenti f'*software*, sigurament ma jinkwadrax ruhu f'dak indikat fl-Artikolu tal-Ligi ndikat mis-socjeta' konvenuta, u cioe' s-subinciz (a) tal-Artikolu 2149, in kwantu dan l-Artikolu tal-Ligi jaghmel referenza specifika ghal xoghol imwettaq minn bennejja ta' opri tal-bahar, kuntratturi ta' bini, xogholijiet ohra tal-gebel u injam jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghal materjali li jfornu. Illi dan l-artikolu tal-ligi jidher illi japplika principalment ghal snajja tradizzjonali, u cioe' dawk tal-kostruzzjoni u manifattura.

Illi f'dan ir-rigward ikun opportun illi ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited (258/2002 PS)** deciza fit-28 ta' April 2004 fejn gie dikjarat, b'referenza ghall-provvedimenti tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi; "*Bl-introduzzjoni tal-kliem generici "persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra" huwa logiku illi fost dawn jirrientraw dawk il-professjonijiet intelletwali li .... jikkomprendu, b'ezemplari, l-gurnalist, graphic designer, fotografu, film producer, advertiser, interior decorator u bosta ohrajn."* Illi fid-dawl ta' tali insenjament, it-Tribunal huwa tal-fehma illi s-servizz u materjal li pprovdiet is-socjeta' attrici jinkwadra ruhu ahjar fid-deskrizzjoni mghotija fl-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan tenut kont tal-fatt illi s-servizzi li kienet tippresta s-socjeta' attrici huma servizzi ta' familjarizazzjoni u tgharif dwar l-uzu ta' *software*, u

possibilment *trouble shooting* relatat mal-uzu ta' dan is-*software*, li jinkwadra ruhu ahjar f'dak li wiehed jista' jiddeskrivih bhala "*arti liberali ohra*". Illi jsegwi ghalhekk illi fil-fehma tat-Tribunal, ghalkemm it-terminu preskrittiv huwa l-istess, is-subinciz applikabbli ghall-kaz in ezami huwa s-subinciz (c) tal-Artikolu 2149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u mhux is-subinciz (a) tal-istess artikolu tal-Ligi.

Illi oltre dan, u fid-dawl tal-fatt illi f'Dicembru 2009 is-socjeta' konvenuta wettqet hlas akkont tal-ammonti dovuti minnha, u dan fl-ammont ta' tliet elef erba' mija hamsa u erbghin u hamsa u ghoxrin centezmu (€ 3,445.25), dwar liema hlas ma ngabet ebda prova minn ebda wahda mill-partijiet kontendenti illi tali pagament kien qed jigi mwettaq versu fatturi specifici, allura jsegwi illi tali hlas kien qed jigi mwettaq akkont ta' dak dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, u li ghalhekk tali hlas jikkostitwixxi rikonoxximent b'mod generali tad-debitu li s-socjeta' konvenuta ghandha mas-socjeta' attrici. Illi ghalhekk tali pagament jista' ragonevolment jigi meqjus li serva sabiex kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni; illi ghalhekk iz-zmien li fih setghet tigi proposta azzjoni ghall-hlas tal-kreditu spettanti lis-socjeta' attrici beda jiddekorri mill-gdid, din id-darba ghall-hames snin b'effett mill-2009. Illi tenut kont illi l-azzjoni odjerna giet proposta fis-17 ta' Settembru 2012, oltre li s-socjeta' konvenuta giet notifikata b'ittra ufficjali fid-9 ta' Novembru 2011 (kopja tar-riferta relattiva a fol. 53 tal-atti), allura jsegwi illi l-azzjoni giet proposta entro t-terminu stipulat fl-Artikolu 2151 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jsegwi ghalhekk illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta relattiva ghall-fatturi bin-numru ta' referenza 111, 138, 173 u 201, m'hix gustifikata u ghalhekk qed tigi respinta.

Illi f'dak li jirrigwarda l-fatturi l-ohra, u cioe' dawk bin-numru ta' referenza 227 u 267, li huma datati 30 ta' Novembru 2009 u 28 ta' Dicembru 2009 rispettivament, is-socjeta' konvenuta tikkontendi illi l-hlas taghhom mhux dovut "*... stante pagament tal-istess zmien ilu ...*". Illi minkejja tali kontestazzjoni, s-socjeta' konvenuta ma gabet ebda prova in sostenn ta' dak li qed jigi allegat minnha, u gialadarba jidher illi kien hemm fatturi ohra, li jipprecedu dawn partikolari, li wkoll ghadhom dovuti, huwa ferm improbabbli illi thallas il-valur ta' dawn iz-zewg fatturi specifici meta kien hemm ohrajn li jippreceduhom li kienu ghadhom dovuti. Illi fin-nuqqas ta' provi sabiex jissostanzjaw din l-allegazzjoni li saret mis-socjeta' konvenuta li juru li hi effettivament wettqet il-hlas, it-Tribunal ma jistax iqis tali eccezzjoni bhala gustifikata, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jirrespingi wkoll din l-eccezzjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta' konvenuta, inkluz l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, qed jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef sitta u sebghin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€ 3,076.88), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------